# XOGĦOL STRUTTURALI IMPORTANTI FIL-KNISJA TAL-MADONNA TAS-SACRO CUOR, SLIEMA FL-1895

**Winston L. Zammit B.A.(Hons.), M.A.**

Il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, inbniet bejn is-snin 1877–1881.[1] Il-bini tlesta fl-1881, u fl-istess sena l-knisja għaddiet f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri.[2]

Wara li tlesta x-xogħol tal-bini tal-knisja, l-ewwel xogħol strutturali importanti fiha seħħ fl-1895. X'kien dan ix-xogħol? Il-Knisja meta nbniet kienet tikkonsisti fil-kappellun tal-kor, żewġ kappelluni oħra, u navata f'kull naħa tal-korsija. Fin-navati kien hemm b'kollox erba' kappelli laterali u żewġ niċeċ bejn iż-żewġ altari[3] u f'waħda minn dawn in-niċeċ kien hemm il-vara tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù.[4]

**SKRITTURA PRIVATA.** Nhar is-7 ta' Marzu 1895, ġiet iffirmata skrittura privata bejn il-Baruni Ġużeppi Depiro, Sindku ta' Tas-Sliema u l-Imgħallem bennej Lorenzo Sapiano, iben Pawlu mir-Rabat. Din l-iskrittura kienet tolqot proġett dwar in-navati ta' l-istess knisja. Permezz ta' din l-iskrittura Sapiano aċċetta li jwettaq dan ix-xogħol.

(1) Li jwaqqa' l-ħitan ta' l-erba' kappelli laterali u taż-żewġ niċeċ, li kien hemm bejn iż-żewġ altari, u minflok jibnihom b'disinn ta' kappelletti, skond id-disinn ippreżentat minnu.

(2) Li jpoġġi u jerġa' jibni l-altari fl-imsemmija kappelletti ġodda, u jibni żewġ altari oħra minflok iż-żewġ niċeċ fiż-żewġ kappelletti ġodda, li kellhom jinbnew minflok in-niċeċ iżda fuq kull altar kellu jagħmel niċċa waħda għall-istatwa tal-Madonna u l-oħra għall-istatwa ta' San Ġużepp.[6]

(3) Rigward in-navata tan-naħa ta' l-epistola, ix-xogħol kellu jinbeda fi żmien tliet xhur mid-data tas-7 ta' Marzu 1895, u rigward in-navata l-oħra, fi żmien tliet xhur mid-data, li fiha Sapiano jingħata l-ordni mis-Sindku Appostoliku, biex jibda x-xogħol.



(4) Min-naħa l-oħra, is-Sindku Appostoliku Depiro ntrabat li jħallas lil Sapiano, għal dan ix-xogħol, is-somma ta' Lm240 f'żewġ pagamenti, nofs meta titlesta l-ewwel navata u n-nofs l-ieħor meta titlesta n-navata l-oħra.[7]

**Il-Benefattriċi ta' dan il-Proġett**

Nafu biċ-ċert li f'Lulju 1895, ix-xogħol fuq dan il-proġett kien diġà nbeda taħt id-direzzjoni tal-Perit G. D. Debono.[8] Għal dak iż-żmien, is-somma ta' Lm240, kienet somma mdaqqsa, iżda bħal fil-każ tal-bini tal-kunvent, il-Mulej ipprovda benefattriċi fil-persuna ta' Franġiska Degiovanni, armla ta' Mikiel, u bint Pawlu u Duminka Cassar.

L-imsemmija benefattriċi kienet twieldet fil-Gudja nhar it-13 ta' Settembrua 1821. Kienet tifla unika, bint ġenituri tat-tajjeb, u wirtet il-proprjetà kollha tagħhom. Billi kienet iżżewġet u baqgħet bla tfal, il-ġenituri tagħha ħeġġewha biex tuża l-ġid li kellha biex tibni knisja. Iżda billi kellha qrabatha li kienu fil-bżonn, ħasset li jkun iżjed ta' ġid li tiddisponi mill-parti kbira tal-ġid tagħha a favur tagħhom. Iżda billi xtaqet fl-istess ħin tissodisfa x-xewqa tal-ġenituri tagħha ħasset li jkun biżżejjed li tkabbar il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema "per renderla più comoda alla numerosa popolazione di quella contrada e piu decorosa al culto".

Għaldaqstant, Francesca li kienet toqgħod f'Tas-Sliema, kellha l-ħsieb li tħalli fit-testment li kienet fi ħsiebha tagħmel is-somma ta' Lm240, meħtieġa għal dan il-proġett, lill-Patrijiet Franġiskani Minuri ta' Tas-Sliema, li kienu jmexxu l-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Iżda billi xtaqet li l-imsemmija opra titwettaq f'ħajjitha, iddeċidiet li ma tħallix din l-opra għal wara mewtha.[8]

**RIKORS FIL-QORTI.** Iżda billi kienet għalqet is-70 sena biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi, nhar id-29 ta' Lulju 1895 ippreżentat rikors fil-Qorti, li fih talbet li tiġi awtorizzata li toħroġ l-imsemmija somma a benefiċċju tat-tkabbir ta' l-imsemmija knisja, u tagħmel l-att tad-donazzjoni mas-Sindku Appostoliku, il-Baruni Ġużeppi Depiro.

L-imsemmi rikors ġie ppreżentat fil-qorti mill-Prokuratur Legali Naudi u ġie ffirmat mid-Deputat Registratur Leone Benjacar.

Dan ir-rikors tressaq quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili u nhar il-31 ta' Lulju 1895, l-Imħallef Dr. Paolo Debono LL.D. ta l-kunsens tiegħu permezz ta' dan id-digriet:

La Corte
Visto il-Ricorso-Udita la ricorrente
Accoglie la Domanda-Dato il 31 Luglio 1895[10]

**L-ATT TAD-DONAZZJONI.** Wara li kisbet l-approvazzjoni meħtieġa mill-qorti, Francesca Di Giovanni, għaddiet għall-att ta' donazzjoni, li sar fl-atti tan-Nutar F. S. Micallef nhar id-9 t'Awissu 1895.




**Il-Vara fin-Niċċa tagħha fl-1887.**



**Il-Bini tal-Faċċata l-Ġdida tal-Knisja — tidher għada b'kampnar wieħed.**

Permezz ta' dan l-att, Francesca Di Giovanni tat b'titolu ta' donazzjoni lill-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, is-somma ta' Lm240.

"Da essere applicata nelle spese della costruzione delle sei cappellette che sono gia in corso di costruzione".

Din is-somma kellha titħallas lill-imgħallem bennej Lorenzo Sapiano. Fl-istess att ta' donazzjoni tniżżel, li l-Baruni Depiro, kien diġà ngħata s-somma ta' Lm120 mingħand is-Sinjura Di Giovanni permezz ta' l-Avukat Dr. Achille Mamo, filwaqt li l-parti l-oħra ta' Lm120, kien qed jirċeviha dak il-ħin stess quddiem in-Nutar. Iżda billi l-Imgħallem Bennej Lorenzo Sapiano, kien diġà lesta l-kostruzzjoni ta' tlieta mill-imsemmija sitt kappelletti deher ukoll huwa stess fl-istess att tad-donazzjoni, u rċieva minn għand is-Sindku Appostoliku, is-somma ta' Lm120 kif kien ġie miftiehem.[11]

B'hekk jidher biċ-ċar li sal-bidu ta' Awissu 1895, navata waħda bi tliet kappelletti kienet diġà lesta. Iżda min-naħa tiegħu, Sapiano ntrabat li jpoġġi f'posthom l-altari meta jiġi mitlub mill-Gwardjan Fra Benedetto,[12] li jżid filata jew bħala lqugħ fuq il-bejt tat-tliet kappelletti u li jieħu ħsieb li jitbattam l-imsemmi ħajt.[13]

Mela, l-ewwel parti ta' dan il-proġett kienet fil-parti l-kbira tagħha lesta fil-bidu t'Awissu 1895.[14] It-tieni parti tal-proġett jidher li kienet lesta sa Ottubru ta' l-istess sena, għax f'dikjarazzjoni li ġiet reġistrata fl-atti tan-Nutar F. S. Micallef bid-data tat-28 ta' Ottubru, 1895, l-imsemmi Imgħallem Bennej Lorenzo Sapiano, iddikjara li fis-26 ta' Ottubru 1895, kien irċieva minn għand is-Sindku Appostoliku l-Barruni Depiro, is-somma ta' Lm120, li kienet nofs is-somma ta' Lm240, li kellhom jitħallsu għall-proġett.[15] Mela sa Ottubru 1895, jidher li l-proġett tal-bini ta' sitt Kappelletti kien tlesta.

B'tifkira ta' dan ix-xogħol strutturali importanti għandna lapida fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu, li fuqha hemm dawn il-kliem:

Francesca Pauli F. Cassar Vidua
Michaelis di Giovanni Alarum Absides Sex.
Impensa Sua Extruxit-Altaribusque
Eo-Admotis-Spatia Laxavit
An MDCCCLXXXXV[16]

**RIFERENZI**


1. G. Vella, il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema (1993), p. 7, 8, 23.
2. IBID p. 32, 33.
3. A(rkivju) N(utarili) V(alletta) Atti F. S. Micallef Vella 9-VIII-1895, f. 203.
4. Ritratt tal-vara titulari fin-niċċa tagħha, bid-data ta' l-1887.
5. A.N.V. atti F. S. Micallef Vella 9-VIII-1895 p. 203–205. Is-Sindku Appostoliku kien l-amministratur finanzjarju tal-Kunvent.
6. L-istatwa tal-Madonna msemmija hija dik tal-Madonna tas-Sacro Cuor kif jidher ukoll ma' ritratt bid-data ta' l-1887.
7. A.N.V. Atti F. S. Micallef Vella 9-VIII-1895 p. 203–205.
8. IBID p. 200.
9. IBID p. 199–202.
10. IBID p. 201.
11. IBID p. 193–196.
12. L-imsemmi Gwardjan Fra Benedetto, kien Patri Beneditt Vella mill-Furjana, li kien Gwardjan tal-Kunvent ta' Tas-Sliema bejn 1888–1893, 1894–1897, 1902–1905. Ittra M. Catania is-Sacro Cuor, Sliema p. 74. Bit-tħabrik tiegħu sar ħafna xogħol fil-knisja. Ara M. Catania, op. cit., p. 40.
13. A.N.V. Atti F. S. Micallef Vella 9-VIII-1895 p. 196, 197.
14. IBID p. 196.
15. IBID, 28-X-1895, p. 298–300.
16. M. Catania, op. cit., p. 21.